MDINA

# Minuti tal-laqgha numru 18 tas-sitt Kunsill

| | |
|---|---|
| POST | Sala tal-Kunsill |
| DATA | 04 ta' Novembru 2010 |
| HIN | 3.00 pm |

| Kariga | Isem | Inizjali | Presenza |
|---|---|---|---|
| Sindku | Peter Sant Manduca | PSM | Prezenti |
| Vici Sindku | Joseph Debono | JD | Prezenti |
| Kunsillier | Jane Attard | JA | Prezenti |
| Kunsillier | Frederick Azzopardi | FA | Prezenti |
| Kunsillier | Camille Scerri | CS | Prezenti |
| Seg Ezekuttiv | Paul Spiteri | PS | Prezenti |

18.1 Il-Minuti tal-laqgha numru 17 gew approvati kif moqrija wara li ma kienx hemm korezzjonijiet.

18.2 Arrising Out:

18.2.1. Kinet tlestiet it-tiswija ta xi railing fejn il-parti ta' Howard Gardens maghrufa bhal it-Tomba;

18.2.2. Il-Gutters fit-triq Gharreqini kienu gew mnadfa;

18.2.3 Il-bollards tal-gebel li kellhom isiru fejn Greks Gate ghadhom ma sarux ghaliex konna qed nistennew il-Kwotazzjoni;

18.2.4 Wara it-talba li konna ghamilna biex isir xoghol ta' restawr fuq Casino Notabile, din il-gimgha gew armati scaffolding biex jorbot il-bini . Ir-restawr kien ser jibda aktar tard;

18.2.5 Ma kellniex risposta mil-Kapitlu dwar it-talba taghna biex naghmlu il-kuncert tal-Milied fil-Katidral. PS gie inkarigat li jekk ma jkollniex risposta satnejn 8 ta' Novembru , nitolbu lil Knija tal-Karmnu;

18.2.6 Dwar l-attivitajiet l-ohra tal-Milied, JD kellhu jkellem lil Operaturi ta' Ciappetti Rest, Ps Lil Don Moesquita biex jaghtuna il-kwotazzjoni ghal Christmas Lunch, Kellna insibu persuna biex inqassmu id-Diaries nhar il-Hamis 23 ta' Dicembru, qbilna fuq ir-ritratt li ser nuzaw ghal Kartolina tal-Milied.

18.2.7 Kellna Kwotazzjoni wahda u giet aggudikati lil Green Suppliers biex jissuplixxi Sigra tal-Milied kbira.(Nota annessa)

18.2.8 Kellna kwotazzjoni wahda u giet aggudikata lil Paul Azzopardi biex jinbena presepju artistiku fid-dahla tal-Mdina (Nota annessa)

18.3 Korrespondenza – Inqrat Batch 20 u 21

18.3.1 Inqrat l-ittra mid-DLG dwar il-premju ghal inizjattiva lokalitajiet ndaf. Wara li l-Kunsill ikkonsidra l-ghotja ta €100 li nghatajna, ma kienux jiggustifikaw li ahna napplikaw ghal dan il-premju;

18.3.2 Inqrat l-ittra mil-pirjol tal-Knisja tal-Karmnu , fejn saret talba ghal ghajnuna fil-progett ta' restawr. Minhabba ir-regolamenti ma jippermethux , qbilna li nghinu bill l-Kunsill jaghmel restawr ta' xi oggett li ma jaqbisx is-somma ta €500;

18.3.3 Inqrat l-ittra mibghuta mis-Sur Alfred Tonna fejn talab l-ghajnuna tal-Kunsill sabuex jtella wirja aretistika fil-Milied ,kif ukoll ghal Gimgha mqaddsa. Qbilna li nikkontribwiexxu billi nhalsu wiehed mil-kontijiet tal-ispejjez li jammonta mhux aktar minn €50;

18.3.4 It-talba li saret mi Mtafa Nursery tal-Football ghal uzu tal-Pitch tal-Football, minhabb li dawn ma regawx ikkuntatjawna it-talba waqghet;

18.3.5 Ittra mill-Keryga biiex ninominaw persuna ghal-premju Zaghzugh tas-sena. Wara li PSM ghamel applell jekk hemmx xi had li nistghu ninominaw u ma kienx hemm proposti, qbilna li m aninominawx lil hadd;

18.3.6 Giet diskussa l-ittra mis-Sur Julian Muscat li talab informazjoni fuq il-Public Toilets li hemm f'Howard Gardens. Kien hemm qbil li niktbulu u nitobuh jaghmel laqgha ma PS fejn nkunu nistghu naghtuh l-informazzjni rikjesta wara li nkun nafu r-raguni ghat-talba;

18.3.7 Kien hemm talba mill-MTA biex grupp mil-BBC jigu jigbdu dokumentarju fuq l-Imdina. Din it-talba giet milqugha;

18.3.8 Saret diskuzzjoni fuq it-Talba tad-DLG biex norganizzaw attivita' b'risq il-Community Chest Fiund. Wara li ma kienx hemmm proposti # konkreti u iz-zmien ma kienx jippermetti li nilhqu norganizza attivita' gusta, qbilna li ghal din id=darba ma norganizzawx xejn;

18.3.9 Dwar it-talba tas-Sur Wheelan dwar kontravenzjni li wheel meta dahal bit-Turisti b'Mini Van , qbilna li nergghu niktblu li Rapheal Carabott fejn nispjegawlu il-fatt li ahna konna ghadnilu li jista jidhol;

18.3.10 Dwar ittra simili li ircivejna minghand EC Travel qbilna ukoll li niktbu ittra lis –Sur Carabott tat-Tribunal Lokali;

18.3.11 Ittra mil-Periti tal-Kunsill dwar il-hlas ghal Surveyor dwar ir-rapport li kien qed isir fuq il-Bini tal-Kunisll. Qbilna li ir-rapport ma ghandhux jidhol fid-dettal u ghalik ma kienx hemm bzonn rapport mis-surveyor kif propost mil-Periti;

18.3.12 Dwar it-talba tal-Insurence Brookers taghna biex naghmlu assessment fuq il-Playing field kellna inkellmu li FA;

18.3.13 It-talba minghand Ms Fenech biex nohorgula Access Permit giet michuda;

18.4 Rapport dwar l-Access u dhul ta' Vetturi fl-Imdina

18.4.1 PS ghamel il-prezentazzjoni tar-rapport li jinsab mehmuz ma dawn il-Minuti;

18.4.2 Wara li saret diskussjoni kien hemm qbil fuq dawn il-Punti:

i) Li ghal 2011 jinhargu biss 2 permessi bil-parking lil kull stabiliment kummercjali li hemm fl-Imdina;

ii) Li nohorgu permessi b'colour coding ghal- karozzi tal-Kiri, ghal vetturi li ser jaghmlu delivery ( Jknu jistghu jidhlu f;certi hinijiet biss – 06.00 sal- 10.30 u 15.30 sal 17.00);

iii) Li johorgu permessi ghal gimgha biss ghal dawk li jaghtu servizz llir-residenti;

iv) Li Il-Kapitlu, Il-Kunvent tal-Karmnu, U Kunventi tas-Sorrijiet jinhargilhom permess wara li jibghatu lista tal-Vetturi bl-ismijiet ;

v) Li il-permessi jigu stampati minn quddiem u min wara u li wara jkun hemm appell biex jekk huwa possibli ma jidhlux geww l-Imdina bil-vettura ( kif propost fir-rapport);

vi) Kien hemm qbil li nibdew inzommu records tal-permessi li nohorgu u jekk jista jkun il-permessi jigu printed u mhux bl-dejn.

18.5 Kamera fid-dhul tal-Imdina

18.5.1 Kienet saret laqgha ma Agnezija li kienet interessat dwar sustema ta' CVA ghal-Imdina. PSM ta' rapport dwar din il-laqgha u il-possibilta li naghmlu sistema lit kun tista tohrog kontravenzjonijiet ghal minn jikser il-ligi dwar l-Aceess fl-Imdina. Kien hemm sistema li kienu jiswew somma kapitali qawwija , filwaqt li ohrajn kienu biss jirrekjedu investiment zghir. Kellna naghmlu aktar tahdidied u nassiguraw li mis-sistema il-Kunsill jakkwista parti mil-multi migbura

18.6. CCTV Camera fl-Imdina

18.6.1 PSM ta'rapport dwar twahhil ta' Kamera biex jissorvelja it-traffiku, specjalment minhabba xi vetturi li jieqfu f'nofs tat-triq u jimlokkaw it-traffiku. Kien hemm qbil li la darba isiru dawn il-Kamera ghandhm jehlu fi triq San Pawl u fit-triq Villegagnon.

18.7 Railings madwar Howard Gardens

18.7.1 Minhabba is-sigurta u il-Vandalismu li jsir fil-gonna ,il-Kunsill kien qabel li jgib stima biex isir Railings madwar Howard Gardens. Kien hemm qbil li nqabdu il-Perit tal-Kunsill biex jaghmel proposta u disin.

18.8 Sustainable Tourism Project

18.8.1 PSM ta' rapport dwar laqgha li saret ma ufficjali tal-APS Bank li kienu lest jghinnuna napplikaw ghal fond ital-EUdwar project dwar it-turizmu Saru diversi proposti izda kien hemm qbil li Ir-Railing madwar il-gonna ta' Howard kif ukoll madwar il-playing field.kif ukoll xoghol ta' tisbieh fl-istess playing field ghandhm jigu konsidrati

18.9 Affarijiet Ohra

18.9.1 Il-Kunsill qabel li jgib stima biex jithalleb il-Bjut tal-Imhazen fi triq Magazini.

18.9.2 Kien hemm qbil li norganizaw quddiesa ta' l-irwieh fil-Kappella tal-Kunvent tas-Sorrijiet tal-Klawsura tal-Benedittini nhar il-gimgha 19 ta' Novembru 2010

18.10 Pagamenti

18.10.1 Gew approvati il-pagamenti fl-iskeda numru 16.

Wara li ma kienx hemm affarijiet ohra l-laqgha giet aggornata fil-5.00pm sine die.

| | |
|---|---|
| Peter Sant Manduca | Paul Spiteri |
| Sindku | Segretarju Ezekuttiv |